MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 783/2008

**Carmelo Vella (Karta tal-Identita` Numru 167949 (M)).**

**vs.**

**Noel Vella (Karta tal-Identita` Numru 104070 (M)) u Alfred Vella (karta tal-Identita` Numru 346637 (M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmelo Vella datat 1 ta' Awwissu 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur ghandu titolu ta' kera fuq il-fond 104, (gia` 7), Triq Atocia, Hamrun.

Illi l-konvenuti qeghdin jippretendu li ghandhom xi drittijiet lokatizji fuq l-istess fond fuq imsemmi, liema pretensjoni

tal-konvenut saret permezz tac-cedola numru 967/08 li saret fis-6 ta' Mejju 2008 (Dok. "A").

Illi ghalhekk l-istess rikorrent talab lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprefiggi terminu lill-istess konvenuti, *a tenur* tal-**artikolu 403 u 404 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)** sabiex f'dan it-terminu l-konvenuti jgibu 'l quddiem b'kawza l-pretensjoni taghhom.

2. Timpedixxi lill-konvenuti milli qatt izjed jagixxu ghal dik il-pretensjoni, fin-nuqqas.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attur skont il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien ma' dokument anness u mmarkat bhala Dok "A" a fol. 2 sa 4 tal-process;

Rat li l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2008.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Noel Vella u Alfred Vella datata 17 ta' Novembru 2008 a fol. 11 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi fl-ewwel lok, l-attur irid jipprova t-titolu allegat minnu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jissussistux ir-rekwiziti legali necessarji skont il-Ligi ghall-azzjoni interposta mill-attur, in kwantu *inter alia*, (i) l-attur ma ghandux il-pussess esklussiv tal-fond *de quo*, izda l-esponenti huma ko-possessuri wkoll u (ii) effettivament il-prezentata tac-Cedola ta' Depozitu ezebita ma kenitx spontanja, ghaliex kienet ipprovokata mill-agir tal-attur, li naqas milli jeffettwa l-pagamenti ta' kera, u kien jehtieg

ghalhekk illi l-esponenti jissalvagwardjaw il-pozizzjoni legali taghhom qabel ma l-kirja tigi terminata u l-esponenti jigu zgumbrati;

3. Illi ghalhekk ma hemmx gustifikazzjoni legali biex li l-esponenti jigu sfurzati jipprezentaw kawza fi zmien stipulat inkella jibqghu f'silenzju perpetwu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-4 ta' Dicembru 2008 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Michael Camilleri bhala Assistent Gudizzarju sabiex jisma' l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda quddiemu prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti fejn fit-28 ta' Ottubru 2009 id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 10 ta' Dicembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha azzjoni komunament maghrufa bhala azzjoni ta' jattanza jew ta' millantazzjoni. Permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qieghed jitlob lil din il-Qorti tipprefiggi terminu ta' mhux aktar minn tliet xhur sabiex il-konvenuti jressqu l-pretensjonijiet taghhom kontra r-rikorrenti permezz ta' kawza u fin-nuqqas il-Qorti timpedihom milli qatt izjed jagixxu fuq din il-pretensjoni.

Illi r-rikorrenti qieghed iressaq din il-kawza wara li l-intimati, permezz tac-cedola ta' depozitu bin-numru 967/08 datata 6 ta' Mejju 2008 (Dok. "A" a fol. 3 tal-process), iddepozitaw kera taht l-awtorita` tal-Qorti sabiex tigi rrilaxxata lir-rikorrenti u lis-socjeta` Schembri Barbros Limited rigward ir-razzett bin-numru 104 fi Triq Atocia fil-Hamrun.

Illi r-rikorrenti qed jippretendi li dan l-agir jammonta ghal pretensjoni ta' dritt lokatizzju mill-intimati kontra tieghu, liema pretensjoni pero` qatt ma ssarrfet f'kawza kontra tieghu. Ghalhekk skont ir-rikorrenti, l-intimati ghandhom jigu ordnati jippromwovu kawza fuq din il-pretensjoni fit-terminu prefiss minn din il-Qorti.

Illi da parti taghhom, l-intimati jikkontestaw it-talbiet rikorrenti permezz ta' tliet eccezzjonijiet u cioe` illi r-rikorrenti jehtieg jippruva t-titolu tieghu. Isostnu wkoll permezz tat-tieni eccezzjoni li ma jezistux ir-rekwiziti legali ghal din l-azzjoni u dan ghal zewg ragunijiet, u cioe` fl-ewwel lok ghaliex ir-rikorrenti m'ghandux il-pussess esklussiv tal-fond *de quo,* u fit-tieni lok peress illi l-prezentata tac-cedola ta' depozitu ma kinitx spontanja izda giet provokata mill-agir tar-rikorrenti peress illi naqas milli jeffettwa l-hlas tal-kera u ghalhekk l-intimati kellhom jissalvagwardjaw il-posizzjoni legali taghhom qabel ma l-kirja tigi terminata u huma jigu zgumbrati. Iressqu t-tielet eccezzjoni u cioe` illi ma hemmx gustifikazzjoni legali ghalfejn ir-rikorrenti ressaq din il-kawza.

Illi l-provi mressqa f'din il-kawza huwa kunfliggenti in kwantu filwaqt illi r-rikorrenti jghid illi huwa qatt ma rcieva kera mill-intimati (Dok. "CV" - affidavit a fol. 17 *et seq.*), la sabiex izommha hu u lanqas sabiex jghaddieha lil terzi, l-intimat Noel Vella jsostni illi huwa kien jghaddi sehemu mill-istess kera lil zijuh, ir-rikorrenti Carmelo Vella (affidavit a fol. 29) sabiex r-rikorrenti jhallasha f'ismu lis-sid. Kien meta zijuh ried ikecci lilu u lil zijuh Alfred Vella 'l barra mir-razzett u wara li hu kien mar ikellem lil sid ir-razzett illi l-istess Noel Vella u zijuh Alfred Vella ddecidew illi jiddepozitaw il-kera taht l-awtorita` tal-Qorti kif fil-fatt ghamlu. Jixhed l-istess Noel Vella illi hu u ziju Alfred Vella

ghamlu dan sabiex ma jigux imkeccija mir-razzett. Din ix-xhieda hija kkorroborata bix-xhieda ta' zijuh Alfred Vella (affidavit a fol. 31 *et seq*) li wkoll jixhed illi huwa u huh Pawlu, imbaghad iben Pawlu, Noel Vella, kienu jghaddu sehmhom mill-kera lir-rikorrenti sabiex huwa jhallasha lis-sid.

Illi tenut kont tal-provi kollha mressqa, din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

Illi din l-azzjoni msejsa fuq l-**artikolu 403 u 404 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdu illi:-

*"Meta fl-atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors guramenta, li jigi moghti zmien lil persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni."*

Illi l-**artikolu 404 (1) tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*"Iz-zmien imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan ma jistax ikun izjed minn tliet xhur."*

Illi l-rekwizit illi johrog mill-**artikolu 403 tal-Kap. 12** innifsu huwa illi l-att li permezz tieghu l-intimat jippretendi xi dritt ghandu jsir b'att gudizzjarju jew ta' l-inqas bil-miktub (ara "**Charles Ciappara vs Salvu Fenech nomine"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 1996); **"L-Avukat Generali nomine et vs L-Avukat Dottor Hugh Peralta nomine"** (A.C. – 28 ta' April 2000); **"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine**" (A.C. – 27 ta' Gunju 2003)).

Illi jrid jinghad illi l-gurisprudenza fuq din il-materja hija wahda kostanti u tenut kont tar-rekwiziti hawn imsemmija li johorgu mil-ligi nnifisha, jinghad illi l-Qrati lokali stabbilew elementi ohra mehtiega sabiex kawza ta' din in-natura tirnexxi. Sentenza partikolarment rilevanti ghall-kaz in ezami hija s-sentenza fl-ismijiet **"John Muscat vs Joseph Cost Chretien"** (P.A. (A.V.C) – 31 ta' Mejju

1948) li stabbiliet l-elementi mehtiega ghas-success ta' kawza ta' din in-natura u cioe`:-

*"(1) Li l-millantazzjoni tkun tikkontjeni pretensjoni li l-ezercizzju taghha jkun ghad irid jigi;*

*(2) li ma tkunx determinata minn necessita` jew minn kawtela guridika;*

*(3) li l-pretensjoni jkollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja; u*

*(4) li l-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat, u li kwindi ma tkunx millantazzjoni generika tad-drittijiet;"*

Illi dawn l-istess principji gew ribaditi f'sentenzi aktar ricenti bhal **"Charles Darmanin & Co Limited vs Maltacom p.l.c. gja Korporazzjoni Telemalta"** (P.A. (P.S.) – 28 ta' Jannar 2008) li ghamlet referenza ghas-sentenza hawn imsemmija.

Illi *inoltre* ghal dawn il-principji huwa pacifiku illi min jippromwovi kawza ta' jattanza tirnexxi ghandu jipprova zewg elementi u cioe` illi huwa ghandu jipprova l-pussess tieghu fuq il-haga in kwistjoni tkun ad eskluzjoni ta' min ikun qieghed jimmillanta l-pretensjoni tieghu u fit-tieni lok, il-millantazzjoni ghandha tkun wahda spontanja u mhux provokata (ara **"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine**" P.A. – 7 ta' April 2000) ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju 2003) li ghamlet referenza ghas-sentenza **"Contessina Maria Theuma Castelletti vs Angelo Camenzuli"** (A.C. - Kollezz. Vol. XXVI.I.485) fejn gie ritenut illi:-

*"Attesocche`, come venne piu` volte deciso dai nostri Tribunali, non si può muovere azione di jattanza quand il possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trova presso il convenuto (Prim'Aula 'Trapani versus Vella' 20 aprile 1907, Coll.XX, 338; 'Massa versus Pace' 20 novembre 1907, XX, 373; 'Grech Delicata versus Agius' 9 gennaio, 1875, VII, 293); e*

*pertanto l'attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'articolo 425 (illum 423) delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile, deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore (Prim'Aula 17 aprile 1871, V, 506 e 1 aprile, 1920 'Pellegrini versus Sammut'). Venne anche costantemente ritenuto che le allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziari dietro provocazione altrui non possono servire da cause al giudizio di jattanza (Collez. Vol. VII, 293; Vol. XVI, II, 337 e Vol. XXIV, I, 714)."*

Illi fil-kawza **"Pellegrini vs Sammut"** hawn fuq imsemmija gie ritenut proprju fuq dan il-punt illi:

*"… lo attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'articolo 425 delle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore;*

*"Che secondo quanto è stato deciso dalla Prim'Aula della Corte Civile di Sua Maestà nelle sentenze riportate nella collezione al Vol. VII, 293, e Vol. XVI, II, 337, le allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziari dietro provocazione altrui non possono servire di base al giudizio di jattanza …".*

Illi fis-sentenzi **"Carmel Bondin vs Giovanni Scicluna et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Novembru 1999) u **"Angelo Buhagiar et vs Carmelo Busuttil"** ( P.A. (FGC) 22 ta' Ottubru 1999) il-Qorti kkwotat il-kawza fl-ismijiet **"Contessina Maria Teuma Castelletti vs Angelo Camenzuli"** (Appell Vol. XXV1.1.485) fejn kien gie ritenut :-

*Il-principju li l-millantazjoni m'ghandhiex tkun provokata mill-attur gie anki ribadit mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell fis-*

*sentenza* ***"Edgar Staines noe vs Dottor Albert Hamilton Stilon"*** *(Kollez. Vol. XXX1.1.494). F'din is-sentenza, intqal li din id-distinzjoni hija wahda razzjonali hafna; infatti, spjegat l-istess Onorabbli Qorti, jekk l-attur ma jipprovokax lill-konvenut, izda dan spontaneament johrog b'millantazzjoni tad-dritt kontra l-attur, u l-attur ikollu interess jillibera ruhu mid-dritt vantat kontra tieghu, u ma jibqax f'dak l-istat ta sospensjoni sakemm joghgob lill-konvenut li jagixxi, allura l-ligi taghti rimedju lill-attur biex precizament jillibera ruhu darba ghal dejjem minn dik il-millantazzjoni; izda meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni gieb ir-raguni l-ghala huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura l-millantazzjoni ma tkunx izjed spontanea, ghalkemm issir f'att gudizzjarju u bhala difiza, imma tassumi l-kwalita' ta millantazzjoni provokata. U min ikun qieghed jirrespingi pretensjoni ta haddiehor, kompliet tghid l-istess Qorti, provokat minn ghandu, ma jkunx qieghed "jikkalunnjah", izda jkun qieghed jezercita dritt tieghu li kellu bhala "causa" l-pretensjoni dedotta kontra tieghu".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jinghad illi r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova li tissodisfa r-rekwizit tal-pussess esklussiv. Mill-atti jirrizulta biss illi huwa ppretenda illi jkollu l-pussess esklussiv billi prova jkecci lill-intimati mir-razzett in kwistjoni. F'dan l-istadju din il-Qorti tosserva, illi oltre l-ezami dwar jekk ir-rikorrenti rnexxielux jipprova il-pussess esklussiv tar-razzett ad eskluzjoni ta' l-intimati, din il-Qorti ma hijiex ser taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar il-mertu tal-kwistjoni bejn il-kontendenti u cioe` min effettivament wiret il-kirja tar-razzett jew dwar minn illum ghandu l-jedd fuq dan l-istess razzett. Irid jinghad f'dan is-sens illi s-success ta' kawza ta' din in-natura, ma jiddependix minn ezami tal-mertu izda minn ezami ta' l-att illi ta lok ghal kawza.

Illi tenut kont illi r-rikorrenti ma rnexxielux jipprova l-pussess esklussiv tar-razzett in kwistjoni, din il-Qorti tista' tieqaf hawn u ma hemmx bzonn tara jekk fil-fatt c-cedola ta' depozitu tikkostitwix att ta' millantanzjoni jew le.

Illi minkejja dan din il-Qorti thoss li anke fuq dan il-punt il-posizzjoni f'din il-kawza hija cara peress li l-gurisprudenza fuq l-istess hija kostanti fis-sens li ghalkemm cedola ta' depozitu tissodisfa r-rekwizit kontenut fl-**artikolu 403 tal-Kap. 12** ghaliex hija att gudizzjarju, biss pero` l-prezentata tac-cedola ta' depozitu fin-natura taghha ma tikkostitwixxix pretensjoni izda kawtela u konservazzjoni ta' dritt (ara f'dan is-sens **"John Muscat vs Joseph Cost Chretien"** citata iktar 'il fuq). Hija s*emmai* att li jitwieled min-necessita` ta' kawtela ta' dritt illi wiehed jemmen li ghandu. Fil-fatt l-intimati, permezz ta' din ic-cedola, raw kif ipprotegew dritt lokatizzju u bl-ebda mod ma ghamlu pretiza gdida kontra r-rikorrenti.

Illi lanqas ma l-att ma kien wiehed spontanju peress illi l-istess cedola giet provokata bir-rifjut tar-rikorrenti illi jircievi l-kera. Hawn il-Qorti terga' tinnota illi x-xhieda f'dan is-sens hija wahda kunfliggenti. Fil-fatt ir-rikorrenti jsostni illi huwa qatt ma rrifjuta kera peress illi huwa qatt ma kien jircieviha minghand hutu f'okkazjonijiet precedenti. Anke li kieku hekk kien il-kaz, il-prezentata tac-cedola xorta ma tistax titqies bhala pretensjoni da parti tal-intimati peress illi kif ghadu kif inghad din saret in kawtela ta' dritt. Tajjeb illi jigi osservat illi din il-Qorti ma hija bl-ebda mod issostni illi l-intimati fil-fatt ghandhom id-drittijiet lokatizji illi huma qed isostnu illi ghandhom (Ara s-sentenzi **"Maria Dolores Vella et vs Rosario Micallef"** (P.A. (A.M.) – 15 ta' Dicembru 1958); **"Lewis Borg et vs Speranza Borg et"** (P.A. (G.V.) – 29 ta' Mejju 2009) kif ukoll **"Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina nomine"** (A.C. – 27 ta' Gunju 2003) citata iktar 'il fuq li ghamlet referenza ghal sentenza ohra dwar dan l-istess punt fosthom **"Sammut vs Grech"** (Kollez. Vol. XXI.I.532); **"Cutajar vs Spiteri"** (A.C. – 7 ta' Dicembru 1936).

Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi t-talbiet huma legalment sostenibbli u gustifikati u ghaldaqstant qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimati fir-risposta guramentata taghhom biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn premess, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunjiet hawn moghtija f’din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------